# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 22 ta’ Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 9**

**Avviz numru 1326/00/SM**

**Philippa Muscat**

**vs**

**Tony Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta’ Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi l-ammont ta’ hames mitt lira (LM500.00,0) danni kagunati lill-attrici, jew somma verjuri, u dan fl-incident stradali li gara fil-Hamrun fid-9 t’April, 1999, ghal xi 14.25 li tieghu kien unikament responsabbli;**

**2. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata z-17 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjent ma kellu l-ebda htija;**

2. **Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-2.25 p.m. tad-9 t'April ta' l-1999 gewwa Triq Nazzjonali, il-Hamrun, fiz-zewg traffic lights li hemm hdejn il-knisja ta' MUSEW il-Blata l-Bajda;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Seat bin-numru ta' registrazzjoni BAP-694 misjuqa minn Tony Gauci u l-ohra kienet dik tal-marka Toyota Starlet bin-numru EAQ-609 misjuqa mill-attrici Philippa Muscat;**

3. **Illi z-zewg xufiera jallegaw li saqu l-vettura taghhom meta l-"lights" rispettivi taghhom kienu fuq il-kulur ahdar;**

4. **Illi d-danni sofferti mill-attrici jammontaw ghall-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-incident in dizamina sehh minhabba li l-konducenti naqsu li jikkonducu l-vetturi taghhom biss meta l-kulur rispettiv taghhom kien jindika dak ahdar;**

**Illi hu pacifiku li kieku t-tnejn li huma kienu prudenti fis-sewqan taghhom allura l-incident odjern kien ikun abbundantement evitat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

**1. Tiddikjara li z-zewg protagonisti – l-attrici Muscat u l-konvenut Gauci – huma ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni kkagunati lill-attrici fl-ammont ta' hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Gauci biex ihallas nofs dan l-ammont hekk likwidat, cioe' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), lill-attrici Philippa Muscat, bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**